MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 64/2001/1

**Rikors Nru: 64/01**

***Nicholas u Maria Assunta Cassar***

***vs***

***John Cassar***

Il-Bord,

Ra <u>r-rikors</u>

Illi l-esponenti jikru lill-intimat il-hanut maghruf bl-isem ta' 'Dione', f'K. Darmanin Street, Hamrun, bil-kera ta' Lm60 fis-sena, pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, l-iskadenza li jmiss fit-28 ta' Settembru, 2001 (Dok.A);

Illi l-imsemmi intimat mhux qed juza dan il-hanut skond id-destinazzjoni tieghu, u ghall-zmien twil zammut maghluq, liema ragunijiet jintitolaw lis-sidien jirriprendu l-pussess vojt tal-istess fond;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett kollu jitlob illi dan il-Bord jghogbu jawtorizzhom sabiex jirriprendu l-pussess battal tal-imsemmi fond gewwa l-Hamrun, fi tmiem ir-rilokazzjoni korrenti, u ghaldaqstant jordna l-izgumbrament tal-intiamt mill-imsemmi fond.

Ra <u>r-risposta</u>

Illi l-fond 'Dione' f'K. Darmanin Street, Hamrun inkera bhala store/hanut u dejjem intuza skond id-destinazzjoni tieghu (Dok JC).

Ghalhekk it-talba tar-rikorrent huwa infondat u ghandu jigu michud bl-ispejjes.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tat-23 ta' Gunju, 2003.

Ikkunsidra,

1. Dan ir-rikors mexa kontestwalment mar-rikors numru 63/01 li qed jigi deciz illum.

2. B'kitba privata tad-29 ta' Marzu, 1976 ir-rikorrent kera l-'hwienet' 'Emanuel' u 'Dione' li jinsabu wiehed fi Triq Mountbatten u l-iehor fi Triq Gdida barra Triq Mountbatten il-Pieta/Hamrun bhala hanut wiehed bil-kera ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120) fis-sena. Gie miftiehem li:

"3. Il-hanut irid jintuza ghal iskop li ghalih gie mikri bhala store jew hanut ghall-kummerc".

3. Iz-zewg fondi inkrew f’daqqa u l-kirja hija wahda skond il-ftehim. Imissu sar rikors wiehed imma billi z-zewg rikorsi gew prezentati flimkien, fihom l-istess kawzali, imxew kontestwalment f’daqqa, l-Bord ser jikkundisrahom f’daqqa biex jevita proceduri u spejjez ohra.

4. Mix-xhieda moghtija mill-partijiet, kif dettaljatament migjubha fis-sentenza l-ohra (rikors nru 63/01) jirrizulta li dan il-fond, ghall-uzu kummercjali inzamm maghluq ghal madwar sentejn/tlieta. L-intimat la uzah biex ibiegh minnu u anqas bhala mahzen in konnessjoni ma’ xi attivita’ kummercjali. Dan jammettih l-intimat u bhala raguni jghid li finanzjarjament mar hazin. Is-sid li ntebah li l-fond ma hu qed jintuza ghal xejn kitiblu darbtejn. Wara l-ewwel ittra l-intimat qal lis-sid li mhux ser ikompli bin-negozzju u gab avviz f’gazzetta biex ibiegh il-merkanzija kollha li ghandu. Qed juza l-fond biex fih izomm xi affarijiet personali u xi merkanzija li f’sentejn/tlieta ma rnexxilux jehles minnha. In-negozzju waqaf ghal kollox. Billi l-intimat zam il-licenzja u ghadu registrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dan ma jfissirx li qed jaghmel uzu mill-fond. Ma hemm l-ebda akkwiexxenza tas-sid.

5. Billi jirrizulta li l-intimat ghal sentejn/tlieta ma ghamel ebda uzu mill-fond skond il-ftehim, il-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jirriprendi pussess tal-fond, illum ‘Dione’, f’K. Darmanin Street, il-Hamrun.

Ghall-ghan ta’ tkeccija jaghti tlett (3) xhur zmien m’illum. Billi seta sar rikors wiehed flok tnejn u kienu jigu evitati spejjez, l-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dep/Reg
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------